

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 156

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

7 ta' Lulju 2007
Avviż Nru

Werrej

Paġna

 III *Atti preparatorji*
Kumitat tar-Reġjuni
Id-69 Sessjoni Plenarja tat-22 u t-23 ta' Marzu 2007

2007/C 156/01	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-effett ta' lieva (<i>leverage effect</i>) tal-fondi strutturali	1
2007/C 156/02	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom: tkomplija għall-White Paper dwar spinta ġdida liż-żgħażaġh Ewropej	8
2007/C 156/03	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tas-suq uniku u l-evalwazzjoni tas-Soċjetà Ewropea	14

III

(Atti preparatorji)

KUMITAT TAR-REĠJUNI

ID-69 SESSJONI PLENARJA TAT-22 U T-23 TA' MARZU 2007

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-effett ta' lieva (*leverage effect*⁽¹⁾) tal-fondi strutturali

(2007/C 156/01)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- Attwalment, l-Ewropa għaddejja minn tibdilit soċjo-ekonomiċi kbar u sfidi teknoloġiċi li huma ċentrali għall-għan prinċipali ta' l-Aġenda ta' Lisbona 2000, sabiex jinżamm u jiġi żviluppat mudell Ewropew li huwa kapaċi jgħaqqad il-prosperità u s-solidarjetà. L-Ewropa tista' tagħmel dan biss billi żżomm qafas politiku b'saħħtu li jipprovdi lill-atturi bl-istrumenti neċessarji mhux biss sabiex jaħtfu l-opportunitajiet ġodda iżda wkoll sabiex jiġġestixxu l-konsegwenzi. Ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali huma fost dawk li l-aktar li huma esposti għal dawn l-isfidi iżda huma wkoll fl-aħjar pożizzjoni sabiex jittrasformaw orjentazzjonijiet strateġiċi f'azzjonijiet konkreti li huma kapaċi li jimmobilizzaw l-atturi soċjali u ekonomiċi fl-Ewropa kollha.
- L-istrategġija rinnovata ta' l-UE għat-tkabbir u l-impjegi, għalhekk, tista' tirnexxi biss jekk tkun kapaċi timmobilizza r-riżorsi fit-territorji kollha ta' l-Unjoni. Madankollu, kemm il-baġits nazzjonali kif ukoll dak ta' l-UE huma taħt pressjoni, u l-Ewropa għalhekk trid tipprowva ssib l-aħjar mezz sabiex jiżdiedu r-riżorsi finanzjarji disponibbli. Il-KtR jikkunsidra li, minħabba l-orjentazzjoni strateġika u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tiegħu, il-politika ta' koeżjoni għandha effett ta' lieva għad-dispożizzjoni ta' l-Unjoni.
- Il-KtR jikkunsidra li l-effett ta' lieva tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE tista' terġa' tissaħħaħ b'mod sinifikanti matul il-perijodu ta' programmar għall-2007-2013. Il-prinċipji tal-politika ta' koeżjoni, ippruvati u ttestjati, ġew ikkumplimentati minn numru ta' miżuri: l-adozzjoni ta' approċċ aktar strateġiku għall-politika ta' koeżjoni, l-allokazzjoni ta' fondi u l-applikazzjoni akbar tagħhom f'setturi prijoritarji, qafas legali mtejjeb għall-adozzjoni ta' skemi innovattivi ta' finanzjament, l-enfasizzar ta' l-importanza dovuta għall-programmi ta' żvilupp urban u kooperazzjoni aħjar fil-livell territorjali.

(¹) Fin-nuqqas ta' terminu stabbilit fl-ilsien Malti għal-“leverage effect”, u fid-dawl tal-kuntest ta' dan id-dokument, it-traduttur iddeċieda li “effett ta' lieva” hija l-aktar frażi li toqrob lejn il-kunċett li qiegħed jiġi analizzat hawnhekk.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

WARA LI KKUNSIDRA d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' l-24 ta' Marzu 2006, sabiex tikkonsultah dwar dan is-suġġett, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 265 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea;

WARA LI KKUNSIDRA l-ittra mingħand il-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Lulju 2006 fejn il-KtR intalab jabbozza opinjoni dwar il-konsegwenzi tal-politika reġjonali fuq il-koeżjoni ta' l-UE;

WARA LI KKUNSIDRA d-deċiżjoni tal-President tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 fejn ta istruzzjoni lill-Kummissjoni tiegħu għall-Politika ta' Koeżjoni Territorjali sabiex tabbozza opinjoni dwar dan is-suġġett;

WARA LI KKUNSIDRA l-Opinjoni tiegħu dwar *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Nibnu l-Futur Komuni ta' għna: Sfidi tal-Politika u Mezzi Finanzjarji għall-Unjoni Mkabbra 2007-2013* COM(2004) 101 final (CdR 162/2004 fin) ⁽²⁾;

WARA LI KKUNSIDRA l-opinjoni tiegħu dwar it-*Tielet Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali* (CdR 120/2004 fin) ⁽³⁾

WARA LI KKUNSIDRA l-opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Politika ta' Koeżjoni bħala Sostenn għat-Tkabbir u għall-Impjiegi: Il-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità, 2007-2013* COM(2005) 299 final. (CdR 140/2005 fin);

WARA LI KKUNSIDRA l-abbozz ta' opinjoni tiegħu (CdR 118/2006 rev. 2) adottat fil-11 ta' Diċembru 2006 mill-Kummissjoni tiegħu għall-Politika ta' Koeżjoni Territorjali (*rapporteur: Is-Sur Manuel Chaves González (PES/ES)* — President tar-Reġjun ta' Andalusia);

adotta l-opinjoni segwenti fis-sessjoni plenarja numru 69 li saret fit-23 ta' Marzu 2007.

1. Sfond soċjo-ekonomiku u politiku għall-opinjoni

bis-sottostima ta' l-effetti tal-politika ta' koeżjoni li huma inklużi fil-proposti preċedenti.

1.1 Fl-24 ta' Marzu 2006, fittra ffirmata mill-Kummissarju Wallström, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kumitat tar-Reġjuni sabiex jabbozza opinjoni ta' analiżi dwar **L-effett ta' lieva tal-Politika Ewropea ta' Koeżjoni mill-Fondi Strutturali**. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-opinjoni tal-Kumitat ser tagħti kontribut sostanzjali għar-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni, li għandu jiġi adottat fir-Rebbiegħa 2007.

1.4 Attwalment, l-Ewropa għaddejja minn tibdiliet soċjo-ekonomiċi kbar u sfidi teknoloġiċi li huma ċentrali għall-għan prinċipali ta' l-Aġenda ta' Lisbona 2000, sabiex jinżamm u jiġi żvilupp mudell Ewropew li huwa kapaċi jgħaqqad il-prospertà u s-solidarjetà. L-Ewropa tista' tagħmel dan biss billi żżomm qafas politiku b'saħtu li jipprovi lill-atturi bl-istrumenti neċessarji mhux jaħtfu l-opportunitajiet ġodda u jiġġestixxu l-konsegwenzi.

1.2 Il-Kumitat tar-Reġjuni rċieva wkoll ittra, iddatata l-20 ta' Lulju, mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, fejn talab lill-KtR sabiex jagħti opinjoni fuq ir-rapport ippreparat mill-Membru tal-Parlament Ewropew, is-Sinjura Francisca Pleguezuelos Aguilar (ES/PES), membru tal-kummissjoni ta' l-iżvilupp reġjonali (REGI) tal-Parlament, dwar il-konsegwenzi tal-politika strutturali fuq il-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni COTER iddeċidiet li din l-opinjoni ta' analiżi ser tikkunsidra wkoll it-talba mingħand il-Parlament.

1.5 Ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali huma fost dawk li l-aktar li huma esposti għal dawn l-isfidi iżda huma wkoll fl-aħjar pożizzjoni sabiex jittrasformaw orjentazzjonijiet strateġiċi f'azzjonijiet konkreti li huma kapaċi li jimmobilizzaw l-atturi soċjali u ekonomiċi fl-Ewropa kollha.

1.3 Din l-opinjoni tipprova tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni fl-Ewropa ta' wara t-tkabbir u l-post li tokkupa fil-baġit ta' l-Unjoni. Skond il-fehma tal-Kumitat, numru ta' proposti preċedenti għabu fid-dubju l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni f'Unjoni Ewropea li għandha bżonn ta' riforma minħabba t-tkabbir u li hija involuta fil-proċess ta' globalizzazzjoni. Dan ir-rapport primarjament huwa kkonċernat

1.6 L-istrateġija rinnovata ta' l-UE għat-tkabbir u l-impjiegi, għalhekk, tista' tirnexxi biss jekk tkun kapaċi timmobilizza r-riżorsi fit-territorji kollha ta' l-Unjoni. Madankollu, kemm il-baġits nazzjonali kif ukoll dak ta' l-UE huma taħt pressjoni, u l-Ewropa għalhekk trid tipprova ssib l-aħjar mezz sabiex jiżdedu r-riżorsi finanzjarji disponibbli. Il-KtR jikkunsidra li, minħabba l-orjentazzjoni strateġika u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tiegħu, il-politika ta' koeżjoni għandha effett ta' lieva għad-dispożizzjoni ta' l-Unjoni.

⁽²⁾ ĠU C 164, 5.7.2005, pġ. 4.

⁽³⁾ ĠU C 318, 22.12.2004, pġ. 1.

1.7 Din l-opinjoni ser tipprova ddaħħal firxa ta' elementi fid-dibattitu, waqt li tagħti konsiderazzjoni wiesgħa ta' l-effett ta' lieva, kif ukoll tikkunsidra numru ta' impatti li l-politika ta' koeżjoni għandha fl-Unjoni kollha. L-anness metodoloġiku jinkludi l-informazzjoni neċessarja sabiex jinftehem il-metodu xjentifiku u d-dinamika ta' ħidma użati mill-Kumitat fl-abbozzar ta' din l-opinjoni. (4)

2. Tifsira ta' l-effett ta' lieva

F'din l-opinjoni, il-KtR jipproponi li jiġi adottat kunċett wiesa' ta' l-effett ta' lieva, li jikkunsidra firxa ta' fatturi li huma importanti sabiex jiġi analizzat l-impatt tal-Fondi Strutturali. Konsegwentament, u b'manjiera globali, din l-opinjoni ser tipprova tikkunsidra l-effett ta' lieva provdut mill-fondi Komunitarji fl-oqsma segwenti:

- Aspetti finanzjarji
- Aspetti politiċi u strateġiċi tal-konċentrazzjoni tematika
- Tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali
- Żieda tal-koeżjoni fl-Ewropa.

2.1 Aspetti finanzjarji ta' l-effett ta' lieva

2.1.1 Il-politika ta' koeżjoni toffri valur miżjud konsiderevoli fil-livell Ewropew, peress li r-riżorsi finanzjarji użati mill-Komunità jippermettu sabiex jinkisbu riżultati aħjar u sabiex jiġi assigurat is-sostenn tal-partijiet interessati b'mod aktar effettiv minn dawm użati fil-livelli nazzjonali jew reġjonali. Skond l-istimi tal-Kummissjoni Ewropea (5), kull euro minfuq fil-livell ta' l-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni jwassal għal nefqa oħra fir-reġjuni ta' l-Objettiv 1, fuq medja ta' 0.9 euros. Jekk jiġu kkunsidrati r-reġjuni ta' l-Objettiv 2, in-nefqa medja addizzjonali ġġenerata titla' għal 3 euros għal kull euro investit.

2.1.2 Dan l-effett multiplikatur huwa r-riżultat l-ewwel nett tal-konċentrazzjoni tematika u ġeografika tal-Fondi Strutturali. Il-konċentrazzjoni tal-Fondi, flimkien ma' sett raġonevoli ta' strumenti, iżżid il-possibilitajiet li tinkiseb il-massa kritika neċessarja, u għalhekk ikun possibbli li jiġi ġġenerat investiment ieħor ulterjuri. Il-kapaċità li jiġi attirat investiment għalhekk jista' jiż-żied permezz ta' konċentrazzjoni tematika u ġeografika, peress li dan ifisser li l-investment jista' jsir bi spejjeż aktar baxxi.

2.1.3 It-tieni nett, effett ta' lieva jinħoloq ukoll b'riżultat tal-varjetà wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament disponibbli, anke jekk l-Istati Membri u r-reġjuni ta' spiss ma jkunux kapaċi jagħmlu l-aħjar użu mill-miżuri kollha li huma potenzjalment disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni. L-istudju msemmi f'din l-opinjoni identifika l-konċessjoni globali, per eżempju, bħala strument flessibbli li jista' joħloq u jżid l-effett ta' lieva finanzjarju ta' ħafna proġetti u programmi.

(4) http://coropinions.cor.europa.eu/CORopinionDocument.aspx?identifier=cdr\coter-iv\dossiers\coter-iv-003\cdr118-2006_fin_ac.doc&language=MT

(5) Kummissjoni Ewropea: KUMM(2005) 299. Politika ta' Koeżjoni bħala Sostenn għat-Tkabbir u għall-Impjiegi: Il-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità, 2007-2013, Brussel, 5 ta' Lulju 2005.

2.1.4 Fost strumenti oħrajn li jistgħu jintużaw sabiex isaħħu l-effett ta' lieva, hemm dawm li huma riżultat ta' l-involvement tal-Fondi Strutturali fi strumenti ta' inġinerija finanzjarja ddestinata għall-intrapriżi, speċjalment l-SMEs, bħala per eżempju l-fondi ta' kapital riskjuż, fondi ta' garanzija, fondi ta' self u fondi ta' żvilupp urban. F'ħafna reġjuni eliġibbli diġà nkisbet esperjenza konsiderevoli bl-użu ta' dawn l-istrumenti ta' sostenn, partikularment fil-qasam tal-finanzjament ta' kapital riskjuż, fil-kors ta' l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali. L-istess jista' jingħad għall-iżvilupp ta' fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw, li jistgħu jagħtu kontribut għall-iżvilupp reġjonali anke wara l-perijodu ta' finanzjament. F'dan il-kuntest huma milqugħa l-inizjattivi Jeremie, Jaspers u Jessica, promossi mill-Bank Ewropew ta' Investment (EIB) u l-Fond Ewropew ta' Investment (EIF), fost oħrajn, li jistgħu jaqdu rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' din it-tip ta' miżura.

2.1.5 Dan it-tip ta' strument jista' wkoll iżid il-kapaċità ta' l-awtoritajiet pubbliċi sabiex jikkoooperaw ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mas-settur bankarju privat, li jistgħu jaġixxu bħala sorsi ta' finanzjament għal proġetti oħrajn ta' żvilupp. L-użu ta' dawn l-istrumenti joffri vantaġġi potenzjali oħrajn, bħala flessibilità akbar fir-rigward tal-ġestjoni tal-Fondi Strutturali kif ukoll likwidità akbar fir-rigward ta' aġenti esterni provduti mill-EIB u mill-EIF.

2.1.6 Fl-aħħar, l-effett ta' lieva jista' jiżzied billi jittejbu serje ta' fatturi li jirrigwardjaw it-tisħiħ tas-sħubijiet pubbliċi-privati. Il-kapaċità li jiġu identifikati l-ostakoli li jiddiswadu lill-investituri privati kif ukoll il-ħolqien u l-appoġġ ta' gruppi ta' proġett (*project teams*) u ta' sħubijiet mas-settur privat huma elementi kruċjali sabiex jiġi ġġenerat investiment privat f'perijodi relattivament qosra.

2.1.7 Grazzi għall-istabbiltà tal-finanzjament tagħha u għall-programmazzjoni multiannwali, il-politika ta' koeżjoni tassigura wkoll il-possibilità li jiġu żviluppati relazzjonijiet b'saħħithom mas-settur privat, li tista' twassal li jiġi ġġenerat investiment akbar fuq perijodu itwal ta' żmien. Dan l-element karatteristiku tal-politika ta' koeżjoni fir-rigward tal-politiki nazzjonali ta' l-istess tip huwa ċertament sors ġdid u addizzjonali ta' valur miżjud li m'għandux jiġi injorat.

2.1.8 Dan il-punt għandu jitqiegħed f'kuntest; fxi Stati Membri, speċjalment l-għaxar Stati Membri ġodda, żieda qawwija ta' l-investimenti pubbliċi tista', fuq perijodu qasir u medju, ittellef milli jintlaħaq il-kriterju relatat mad-defiċit u r-regoli tal-Patt ta' Stabilità u ta' Tkabbir. Użu akbar tas-sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) jista' joffri soluzzjoni alternattiva valida għal żieda diretta ta' l-investimenti pubbliċi.

2.2 Orjentazzjoni strateġika tal-politika

2.2.1 L-investment pubbliku għandu jtifisser b'attenzjoni u pjanat tajjeb fil-livelli kollha. Huwa għalhekk importanti li jiġi enfasizzat li l-politika ta' koeżjoni għandha rwol importanti x'taqdi fl-organizzazzjoni ta' prijoritajiet reġjonali u nazzjonali b'tali mod li tinħoloq sinerġija fil-livell Ewropew. Filfatt, strateġija Ewropea ta' investment għandha tkun akkumpanjata minn politiki nazzjonali u reġjonali korrispondenti, li għandhom jiġu riflessi f'investment pubbliku ta' kwalità għolja, b'mod partikulari f'oqsma relatati ma' l-Istrateġija ta' Lisbona u r-rabtiet tagħha ma' l-Istrateġija ta' Gothenburg.

2.2.2 Dan l-investment jirrigwardja l-edukazzjoni, l-għarfien, l-innovazzjoni u r-riċerka, il-protezzjoni ta' l-ambjent, is-servizzi soċjali, it-tagħlim tul il-ħajja kollha, u t-twaqqif ta' korpi Ewropej. Dan l-investment mhux biss jolqot lid-domanda; iżda wkoll għandu effetti strutturali fit-tul fuq l-ekonomija, iżid it-tkabbir ekonomiku u jgħin lir-reġjuni jsiru aktar kompetittivi. L-effett ta' lieva maħluq mill-politika ta' koeżjoni huwa għalhekk ikkawżat minn numru differenti ta' fatturi.

2.2.3 L-ewwel nett, dan iseħħ meta l-Istati Membri u r-reġjuni jinkorporaw ideat u approċċi ġodda fil-politiki, sabiex jipromovu r-rwol ta' l-innovazzjoni fl-iżvilupp ekonomiku. L-analiżi ta' l-istudji tal-każijiet wasslet għall-konklużjoni li l-politika ta' koeżjoni ffokat il-prijoritajiet tal-politika nazzjonali fuq oqsma li huma importanti għat-tkabbir ekonomiku, bħall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-politiki attivi fir-rigward ta' l-impjieġ u l-inklużjoni soċjali.

2.2.4 Dan il-punt fokali ġie żviluppat b'mod partikulari b'riżultat ta' l-opportunità pprovduta mill-Fondi sabiex jitniedu proġetti pilota, b'approċċi u strumenti ġodda, bħal politiki ta' *cluster* favur l-innovazzjoni jew l-użu ta' approċċi aktar parteċipattivi. Dan għin sabiex titqajjem kuxjenza u jitwessa' l-iskop tal-kunċett ta' "innovazzjoni", waqt li jiġu integrati b'suċċess fl-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali l-aspetti organizzattivi, finanzjarji, ġestjonali u ta' taħriġ u l-promozzjoni ta' l-innovazzjoni.

2.2.5 It-tieni, il-politika ta' koeżjoni wasslet sabiex jitqiesu l-oqsma ta' politika li preċedentament ma kinux jitqiesu mill-politiki nazzjonali jew reġjonali. Numru ta' proġetti-pilota bħall-Istrateġiji ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS) u l-Azzjonijiet Innovattivi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) gradwalment ġew stabbiliti bħala politiki fundamentali fil-livell nazzjonali u reġjonali. B'mod ġenerali, l-aktar approċċi flessibbli u orjentati lejn is-suq kienu d-denominatur komuni għall-approċċi ġodda introdotti mill-politika ta' koeżjoni.

2.2.6 Fl-aħħar, l-istrateġiji ta' żvilupp maħluqin b'mod konġunt mil-livelli nazzjonali u reġjonali, li huma integrati fil-politika ta' koeżjoni, jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' approċċi aktar strateġiċi għall-iżvilupp ekonomiku u l-impjieġ, li min-naħa tagħhom jippermettu li jiġu implimentati proġetti konkreti. Numru ta' oqsma, bħat-teknoloġija, l-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-kapital uman, l-opportunitajiet indaqs u l-ambjent, ġew identifikati bħala fatturi importanti għat-tkabbir u ġew inklużi fil-politiki rilevanti sabiex jinkiseb approċċ aktar integrat.

2.3 It-trawwim tal-kapaċità istituzzjonali

2.3.1 Aspett ieħor li għandu jissemma b'effett ta' lieva fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali huwa l-effett tagħhom fuq il-mod kif jaħdmu l-amministrazzjonijiet pubbliċi, impatt li jidher fl-immodernizzar tagħhom, fit-titjib tal-ġestjoni tagħhom u fl-armonizzazzjoni tal-proċeduri tagħhom fil-kuntest Ewropew. Il-politika ta' koeżjoni sostniet l-implimentazzjoni tal-politiki Komunitarji, speċjalment dawk relatati mal-protezzjoni ambjentali u l-opportunitajiet indaqs, kif ukoll ir-ristrutturazzjoni ekonomika u soċjali, b'bażi tal-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġiji ta' Lisbona u Gothenburg.

2.3.2 F'dan ir-rigward għandha tiġi enfasizzata l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Riforma bħala elementi prinċipali sabiex jinkisbu l-għanijiet għall-Istrateġija Rinnovata ta' Lisbona u l-koordinazzjoni neċessarja bejn dawn il-pjanijiet u l-Oqsfa Strateġiċi ta' Referenza Nazzjonali 2007-2013.

2.3.3 Għandhom jissemmev ukoll il-promozzjoni tas-sħubijiet, it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi u l-iżvilupp tal-kultura ta' l-ewalwazzjoni, it-trasparenza u l-iskambju ta' Prattika tajba. Dawn il-fatturi kollha jiffirmaw parti mis-sistema żviluppata fl-Unjoni Ewropea għall-politika ta' koeżjoni, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex itejbu l-gvernanza fil-livelli kollha. Imbagħad l-awtoritajiet japplikaw ħafna minn dawn l-approċċi f'setturi oħrajn. It-twaqqif ta' korpi ġodda, bħall-Aġenziji ta' Żvilupp Reġjonali, iffavorixxa wkoll l-iżvilupp f'ħafna reġjuni ta' l-Unjoni Ewropea.

2.3.4 Il-politika ta' koeżjoni kkontribwixxiet b'mod sostanzjali għall-abbozzar tal-pjanijiet u tal-programmi f'dan il-qasam. Hemm enfasi dejjem akbar fuq dianjożi u analiżi li jitwettqu b'mod rigoruż, it-tħejija ta' l-oġettivi hija aktar preċiża u l-pjanijiet u l-programmi jiġu kkontrollati u evalwati b'mod aħjar, fil-waqt li l-ħolqien ta' punti ta' referenza jsir Prattika standard. It-tħejija ta' strateġiji fuq perijodu fit-tul għall-investment pubbliku saret karatteristika komuni għall-kultura ta' l-ippjanar tal-lum.

2.3.5 Dan żied ukoll il-kapaċità ta' l-Istati Membri sabiex jadottaw u jimplementaw b'mod effettiv il-leġislazzjoni Komunitarja f'numru ta' oqsma, bħall-ambjent. Il-politika ta' koeżjoni b'mod patikolari wasslet għal tibdiliet sostanzjali fil-leġislazzjoni relatata mas-swieq pubbliċi fl-Istati Membri, li ppermettew l-aċċess u l-ftuħ ta' dawn is-swieq għall-intrapriżi kollha ta' l-UE, u b'hekk issaħħaħ is-suq uniku. Dan l-aspett għandu jingħata konsiderazzjoni partikulari fid-dawl tat-tkabbir riċenti ta' l-UE.

2.3.6 Fl-aħħar, il-politika ta' koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea ffavorixxiet u saħħet ir-rwol tar-reġjuni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet meta jithejju u jiġu implimentati l-politiki reġjonali Komunitarji. Il-kisba ta' massa kritika f'termini umani sabiex tiġi assicurata l-ġestjoni adegwata tal-Fondi għinet sabiex tiġi assicurata awtonomija akbar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u jkun hemm żieda reali fir-reġjonalizzazzjoni u l-awtonomija lokali fl-Unjoni Ewropea.

2.4 Kostruzzjoni koeżiva ta' l-Ewropa

2.4.1 Il-politika ta' koeżjoni kellha wkoll effett ta' lieva fit-tis-hih tal-koeżjoni ta' l-Ewropa, b'riżultat ta' numru ta' fatturi differ-
renti.

2.4.2 L-ewwel nett, il-prinċipju tas-sħubija u r-rwol attiv li qdew il-mexxeja inkoraġġixxa l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjo-nijiet pubbliċi u s-setturi differenti tas-soċjetà, li kellu rwol prin-
ċipali sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi.

2.4.3 It-tieni nett, il-politika ta' koeżjoni għinet sabiex jins-tabu soluzzjonijiet multi-dimensjonali għal problemi kumplessi u diversi ħafna. Il-problemi li jolqtu lir-reġjuni differenti ta' l-UE huma bla dubju ta' xejn differenti u l-kondizzjonijiet u s-sitwaz-
zjonijiet ekonomiċi varji. Madankollu, il-politika ta' koeżjoni wasslet sabiex tiġi kkunsidrata din id-diversità, speċjalment fir-
reġjuni periferali u dawk li għadhom lura fl-iżvilupp, u fir-reġ-
juni l-iktar imbegħda tagħha. Dan l-approċċ ta' tisħiħ tal-koeż-
joni influwenza wkoll il-politiki l-oħra ta' l-Istati Membri.

2.4.4 Għalhekk il-politika ta' koeżjoni għinet sabiex toħloq il-kondizzjonijiet xierqa għall-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali ta' l-UE, essenzjalment permezz ta' l-inizjattiva Interreg, li għinet sabiex jingħelbu kunflitti antiki jew firda tal-
passat bejn żewġ lati ta' fruntiera. Barra minn dan, il-kooperaz-
zjoni bejn il-muniċipalitajiet u r-reġjuni mingħajr fruntiera komuni żdiedet b'mod qawwi b'riżultat tal-promozzjoni ta' koo-
perazzjoni interreġjonali u llum il-ġurnata taġhti kontribut mhux insinifikanti għall-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali ġodda.

2.4.5 Fil-perijodi l-imgħoddija tal-Fondi Strutturali, ir-rabta mill-qrib bejn l-EFRD u l-EAGGF ħolqot effetti ta' lieva konside-
revoli fir-rigward ta' żvilupp rurali integrat. Bl-għan li jintlaħaq l-objettiv ta' koeżjoni territorjali, ir-rabta bejn l-EFRD u l-EAFRD trid titkompla, almenu fil-livell ta' koordinazzjoni u kooperaz-
zjoni.

2.4.6 L-effetti tal-programmi Urban kienu partikularment sinifikanti f'dan ir-rigward: kellhom impatt reali kemm fir-riġe-
nerazzjoni fiżika kif ukoll fl-inklużjoni soċjali, u wrew b'mod effettiv liċ-ċittadini kemm il-valur miżjud tal-politika Ewropea kif ukoll l-effiċjenza tal-konċentrazzjoni ta' l-azzjonijiet.

2.4.7 Fl-aħħar nett, il-politika ta' koeżjoni kellha effett multiplikatur kruċjali fuq il-profil ta' l-integrazzjoni Ewropea. Dan l-effett kien akbar minħabba li l-politika ta' koeżjoni għinet ittej-
jeb is-servizzi pubbliċi u l-kwalità tal-ħajja.

3. Konklużjonijiet

Fid-dawl tal-fatturi li ġew studjati, il-Kumitat tar-Reġjuni jixtieq jenfasizza li:

3.1 B'riżultat tal-karatteristiċi speċifiċi tagħha (sħubija, addiz-
jonalità, programmar strateġiku u finanzjar multiannwali), il-

politika ta' koeżjoni ta' l-UE kellha numru ta' impatti u effetti ta' lieva sinifikanti.

3.2 Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE taġhti effett ta' lieva fir-rigward ta' ġbir flimkien ta' finanzi u ta' sħubijiet pubbliċi u pri-
vati. Taġixxi wkoll ta' katalista għall-iffinanzjar kemm pubbliku kif ukoll privat f'setturi differenti, grazzi għall-istabbiltà tal-mek-
kaniżmu tagħha ta' finanzjar fuq perijodu ta' programmar mul-tiannwali u l-kapaċità tagħha li timmobilizza l-massa kritika ta' investimenti neċessarja.

3.3 Dan l-effett ta' lieva u l-impatti l-oħrajn tal-politika ta' koeżjoni jseħħu f'kull tip ta' reġjun u f'varjetà kbira ta' pro-
grammi u proġetti, irrispettivament mill-ispiża tal-proġett.

3.4 Għandu jiġi nnotat li l-ġestjoni tal-Fondi għandha tiġi ssimplifikata, sabiex jiġi massimizzat l-effett ta' lieva tas-shubi-
jiet. Barra minn hekk, jekk iż-żoni eliġibbli jibqgħu żgħar u frammentati, il-kooperazzjoni ta' sħubija f'ċerti reġjuni tista' ssir diffiċli, u dan għandu impatt prinċipali fuq l-għażla u l-impenn tas-soċji. Din il-problema madankollu ser tissolva fil-perijodu 2007-2013, peress li ġie deċiż li r-regolamenti l-ġodda ser jab-bandunaw it-tqassim f'żoni ta' l-Objettiv 2.

3.5 Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE hija fattur determinanti ta' l-orjentazzjoni strateġika tal-politika. Għandha l-kapaċità u l-potenzjal li tippromovi approċċi innovattivi foqsmi differenti u li tiggrwida numru kbir ta' politiki fl-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-politika ta' koeżjoni hija forza ta' motivazzjoni, li effettivament torbot il-proċess ta' tfassil ta' objettivi komuni u ambizzjużi ta' l-UE, bħall-Istrateġija ta' Lisbona, ma' l-adozzjoni u l-applikazzjoni tagħhom mill-protagonisti ewlenin ġewwa l-UE.

3.6 Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE taġixxi wkoll bħala strument sabiex jissaħħu r-riżorsi u b'hekk jingħata sostenn deċiżiv lill-miżuri li huma direttament relatati ma' l-Istrateġija ta' Lis-bona, ibbażata fuq ir-riċerka u l-iżvilupp u fuq l-innovazzjoni, li huma fatturi kruċjali għat-tkabbir fuq perijodu medju u fit-tul.

3.7 Fattur essenzjali fis-suċċess tal-programmi u proġetti innovattivi mnedin mill-politika ta' koeżjoni huwa li "kunċetti u approċċi ġodda" huma aċċettati fl-ogħla livelli politiċi u ammi-nistrattivi. Il-koerenza ta' l-istrateġiji u l-kollaborazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet huma wkoll importanti. Dawn il-fatturi sti-mulaw l-effett ta' lieva tal-Fondi Strutturali.

3.8 Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE għandha effetti sinifikanti fuq it-trawwim tal-kapaċità istituzzjonali. Bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija, din inkoraġġixxiet mudell ġdid ta' gver-nanza kollaborattiva fuq it-territorju kollu ta' l-UE, waqt li b'mod strateġiku jiġu involuti l-livelli differenti tal-gvern u tas-soċjetà ċivili, u b'hekk jiġi assigurat kapital soċjali u ekonomiku akbar fir-reġjuni u fl-awtoritajiet lokali. Dan ser ikun fattur essenzjali għall-iżvilupp fl-Istati Membri l-ġodda.

3.9 Sabiex jiġi ottimizzat l-effett ta' lieva fuq perijodu fit-tul tal-Fondi Strutturali, għandhom jiġu kkunsidrati l-kuntest ġenerali ta' reġjun u l-identità kulturali tiegħu. Għalhekk għandu dejjem ikun hemm rapport bilanċjat bejn il-kriterji stabbiliti għall-UE kollha u l-prijoritajiet reġjonali. Jekk il-kultura u l-mentalità ta' soċjetà tipprova tinbidel, billi jiġu promossi l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, l-intraprenditorija u l-kreattività, ikun hemm garanzija li t-tibdiliet li potenzjalment ġew iġġenerati mill-Fondi Strutturali jiġu sostnuti.

3.10 Il-politika ta' koeżjoni ta' l-UE għandha effett ta' lieva favur koeżjoni msaħħa mill-integrazzjoni ta' l-UE. Din għandha l-potenzjal li tintegra diversi tipi ta' territorju fl-Ewropa kollha, tippermetti l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati, ekonomiċi u soċjali u hija viżibbli u meqjusa bħala politika ta' inklużjoni min-naħa taċ-ċittadini Ewropej grazzi għall-kontribut konkret tagħha sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja.

3.11 Il-politika ta' koeżjoni tipprovdi wkoll effett ta' lieva għat-tkabbir sostenibbli li jrispetta lill-ambjent, b'hekk jiġi evitat li n-negliġenza tissarraff ffattur li tillimita t-tkabbir, kif ukoll lill-kwalità tal-ħajja u r-riżorsi naturali.

3.12 Peress li tkopri t-territorju kollu ta' l-UE, fil-livell tal-kontinent, il-politika ta' koeżjoni, tipprovdi qafas favorevoli għal żvilupp ekonomiku u soċjali bbilanċjat. Waqt li taġixxi fuq il-fatturi kemm ta' konverġenza kif ukoll ta' kompetittività, din toħloq il-kondizzjonijiet essenzjali sabiex tinġabar l-esperjenza u jkun hemm skambju ta' l-aħjar Prattika. Barra minn hekk, din tiggarrantixxi qafas komplet u integrat li jikkonsolida tagħlim reċiproku u tassigura l-finanzjament u r-riproduzzjoni ta' inizjattivi li rnexxew permezz ta' metodi konkreti ta' implimentazzjoni.

3.13 Il-KtR jikkunsidra li l-effett ta' lieva tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE tista' terġa' tissaħħaħ b'mod sinifikanti matul il-perijodu ta' programmar għall-2007-2013. Il-prinċipji tal-politika ta' koeżjoni, ippruvati u ttestjati, ġew ikkumplementati minn numru ta' miżuri: l-adozzjoni ta' approċċ aktar strateġiku għall-politika ta' koeżjoni, l-allokazzjoni ta' fondi u l-applikazzjoni akbar tagħhom f'setturi prijoritarji, qafas legali mtejjeb għall-adozzjoni ta' skemi innovattivi ta' finanzjament, l-enfasizzar ta' l-importanza dovuta għall-programmi ta' żvilupp urban u kooperazzjoni aħjar fil-livell territorjali. Dawn it-tibdiliet ikkonfermaw li, meta jkun hemm ċaqliq fundamentali fil-politika ta' l-UE, il-politika ta' koeżjoni tista' taqdi rwol ċentrali billi tispira u tappoġġja b'mod Prattiku t-tibdil ekonomiku u soċjali fl-UE kollha.

3.14 L-iżvilupp u l-għażla tal-proġetti ġew identifikati bħala fattur prinċipali għas-suċċess: it-tip ta' strument għandu jintgħażel bil-galbu sabiex jinkludi l-elementi li jikkorrespondu l-aħjar mal-kuntest reġjonali u ma' l-oġettivi li jridu jintlaħqu.

4. Rakkomandazzjonijiet

Il-Kumitat tar-Reġjuni:

4.1 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tinkorpora l-kunċett ta' effett ta' lieva fl-evalwazzjoni segwenti tas-sitwazzjoni u l-progress attwali tal-politika ta' koeżjoni.

4.2 Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkunsidraw l-effett ta' lieva bħala qafas approprijat sabiex jiġu evalwati l-politiki ta' l-UE, b'mod partikulari fir-rigward tar-reviżjoni f'nofs it-term tal-baġit Komunitarju.

4.3 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea żżid l-isforzi tagħha sabiex tqajjem kuxjenza lejn il-politika ta' koeżjoni u l-benefiċċji, il-viżibilità u l-immaġni ta' l-istess politika fl-Istati Membri kollha u, b'mod partikulari, fl-awtoritajiet lokali u reġjonali.

4.4 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tkompli fuq il-ħidma li diġà saret sabiex jiġu promossi l-istrumenti finanzjarji differenti taħt il-Fondi Strutturali (Jeremie, Jessica, eċċ) u b'mod partikulari sabiex toħloq il-possibilitajiet neċċesarji fil-qafas tal-liġi tal-kompetizzjoni għall-iżvilupp, fil-livell reġjonali, tal-fondi ta' kapital riskjuż u sistemi ta' garanzija.

4.5 Jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri sabiex ineħħu l-burokrazija żejda, jistabbilixxu qafas legali, amministrattivi u finanzjarji li jiffaċilita attività innovattiva u jstimula forom speċifiċi ta' finanzjament għall-kumpaniji innovattivi (inkluż kapital riskjuż, *business angels*, mikro-krediti, eċċ.).

4.6 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jevalwaw il-progress fir-rigward tas-simplifikazzjoni u d-diċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tal-Fondi Strutturali għall-perijodu 2007-2013. B'mod partikulari, huwa rakkomandat li għandha tingħata attenzjoni partikulari sabiex tiġi assigurata l-proporzjonalità bejn l-ispejjeż amministrattivi u t-tip u d-daqs tal-miżura għandha tingħata attenzjoni partikulari wkoll lill-effetti li l-ispejjeż amministrattivi jkollhom fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

4.7 Jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu s-sħubija fl-istadji kollha tal-gvernanza u l-ġestjoni tal-Fondi Strutturali, waqt li jimplementaw miżuri effettivi sabiex jinvolvu l-awtoritajiet reġjonali u lokali u lis-soċjetà ċivili fil-proċess, u jirrakkomanda sħubija approfondita ma' l-ibliet minħabba l-potenzjal tagħhom bħala muturi tat-tkabbir u l-impjeg.

4.8 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament, l-Istati Membri u l-BEI jidentifikaw b'mod ċar l-ostakoli li qegħdin iżommu lill-investituri l-bogħod milli joħlqu sħubija pubblika-privata (PPPs) fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti finanzjati mill-Fondi Strutturali. Għalhekk, interpretazzjoni ċara fil-livell ta' l-UE tal-kunċetti elementari tal-PPPs u s-simplifikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat tkun ta' għajnuna kbira. Hemm bżonn ukoll li jinxtered l-għarfien dwar il-benefiċċji u l-problemi potenzjali tal-PPPs fost l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

4.9 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jissalvagwardjaw ir-rwol sperimentali u prekursor marbut mal-Fondi Strutturali. F'dan ir-rigward, jirrakkomanda li l-Istati Membri jużaw ir-riservi ta' effiċjenza kif ukoll strumenti oħrajn sabiex jagħtu kumpens u jespandu l-istrategġiji li l-aktar li rnexxew u sabiex jikkonsolidaw ir-riżultati ta' kooperazzjoni territorjali.

4.10 Jagħmel sejħa lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tirispetta r-rabta mill-qrib li teżisti bejn il-miżuri tal-Fondi Strutturali u l-programmi ta' żvilupp rurali, u sabiex tiffaċilita l-aħjar allinjament u koordinazzjoni tal-kontenut fuq kull livell u tippromovih, għalkemm teżisti l-ħtieġa għal kontinuità li jkunu separati b'mod ċar.

4.11 Jirrakkomanda li, meta jiġu implimentati l-Fondi Strutturali, għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-oġġettivi stabiliti fil-Protokoll ta' Kyoto u li kull min huwa kkonċernat jibqa' fit-triq lejn it-tkabbir sostenibbli rispettuż għall-ambjent.

4.12 Jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jipromovu l-effett ta' lieva meta jipprogrammaw il-Fondi Strutturali, sabiex jinkoraġġixxu l-ħolqien, il-promozzjoni u l-finanzjament ta' proġetti b'effett ta' lieva konsiderevoli, kif ukoll fit-tħejji tar-rapport u waqt iċ-ċiklu ta' evalwazzjoni.

4.13 Jinnota li hemm bżonn li jitqiesu aspetti reġjonali partikulari fil-livelli kollha fir-rigward ta' politika ta' koeżjoni tal-gejji, peress li "s-saħħa fid-diversità" hija l-muftieħ li tiftaħ il-bieb għas-suċċess ta' l-effetti ta' lieva tal-politika ta' koeżjoni.

4.14 Jirrakkomanda li, sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ ta' l-effett ta' lieva tal-Fondi Strutturali, ir-reġjuni u l-Istati Membri għandhom ikunu rigorużi meta jstabbilixxu koerenza adegwata bejn

l-istrategġiji reġjonali, il-pjanijiet nazzjonali ta' riforma, l-oqsfa ta' referenza strateġiċi nazzjonali u l-programmi ta' tħaddim implimentati skond il-politika Ewropea ta' koeżjoni.

4.15 Jipproponi li jiġu indirizzati l-benefiċċji ta' l-effett ta' lieva u li jkun hemm ħidma sabiex titjieb il-kuxjenza pubblika dwar il-benefiċċji potenzjali permezz ta' attivitajiet speċjalizzati u ta' promozzjoni fuq skala wiesgħa u li jinxterdu l-prassi tajba kif isir mill-Kumitat tar-Reġjuni permezz ta' l-Open Days.

4.16 Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistudja u tkejjel l-iżvilupp fuq perijodu fit-tul fir-reġjuni, waqt li tiffoka fuq il-fatt li t-tibdil fil-kultura u fil-mentalità tagħhom, kif ukoll komunikazzjoni pubblika li hija trasparenti f'kull każ u li faċli tiftiehem mill-partijiet interessati, huma bżonjużi sabiex jiġi assigurat li dawn ir-reġjuni jagħmlu progress reali fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tagħhom.

4.17 Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tistabbilixxi netwerks ta' "Reġjuni għat-Tibdil Ekonomiku" u jirrakkomanda firxa tematika wiesgħa li ttrifletti d-dinamiċi territorjali differenti ta' tibdil, waqt li jsir użu mill-innovazzjonijiet prodotti matul il-perijodu attwali u li għandhom jinvolvu b'mod attiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess ta' l-għażla ta' l-oqsma prijoritarji ta' l-inizjattiva u jistenna li jkun involut b'mod sħiħ fl-iżvilupp ta' din l-inizjattiva.

4.18 Jirrakkomanda li l-Istituzzjonijiet Ewropej jadottaw l-approċċ ta' solidarjetà bejn it-territorji bħala dimensjoni fundamentali tal-kunċett tal-koeżjoni ta' l-UE. Il-politika ta' koeżjoni għandha tkompli tkun element ċentrali tal-politika Ewropea ta' integrazzjoni.

Ruma, it-23 ta' Marzu 2007

Il-President
tal- Kumitat tar-Reġjuni
Michel DELEBARRE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom: tkompliġa għall-White Paper dwar spinta ġdida liż-żgħażaġh Ewropej

(2007/C 156/02)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- iqis essenzjali, speċjalment minħabba d-dibattitu attwali dwar il-futur ta' l-Ewropa, li tiżdied il-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom fil-komunitajiet fejn jgħixu;
- jisħaq fuq il-bżonn li l-kwistjonijiet taż-żgħażaġh jiġu indirizzati mill-Kunsilli kollha fis-setturi kollha, għaliex iż-żgħażaġh għandhom jiġu kkunsidrati fl-oqsmha kollha ta' interess għall-UE;
- ifakkar li iż-żgħażaġh jirrappreżentaw fattur ewlieni sabiex jintlaħqu l-miri ta' l-Istrateġija ta' Lisbona l-ġdida, u jikkunsidraha essenzjali li jingħataw edukazzjoni aħjar, taħriġ, mobilità, dħul fl-impjieg;
- però, ma jissottovalutax l-isfidi kbar li qegħdin jiffaċċjaw iż-żgħażaġh illum, bħalma huma il-qagħad, id-dewmien sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, in-natura inċerta tax-xogħol, diffikultajiet sabiex isibu alloġġ u bħala konsegwenza d-diffikultajiet sabiex jagħżlu t-triq ta' ħajjithom;
- jipproponi proġetti li jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh sabiex jieħdu sehem fil-gvern lokali u reġjonali fit-tmexxija tal-komunitajiet rispettivi tagħhom, kif ukoll kuntatti bejn l-awtoritajiet lokali u l-iskejjel sabiex titrawwem kuxjenza ċivika u użu informat tad-dritt tal-vot;
- isejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja inizjattivi ħalli jinxterdu l-politiki Ewropej dwar iż-żgħażaġh u d-dispożizzjonijiet tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ fil-livell lokali, permezz tan-netwerks ta' l-awtoritajiet lokali u billi jingħata rwol attiv lill-amministraturi żgħażaġh.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

Wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-politika Ewropea li tikkonċerna l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom *Tkomplija għall-White Paper dwar Spinta Ġdida liż-Żgħażaġħ Ewropej: Li timplimenta l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u informazzjoni għalihom bil-għan li tippromwovi li jkunu ċittadini Ewropej attivi u d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni anness li fih analiżi dettaljata tar-rapporti nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-parteċipazzjoni u l-informazzjoni* (COM(2006) 417 finali — SEC(2006)1006);

Wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bureau tat-13 ta' Ġunju 2006 li tagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni għall-Kultura, l-Edukazzjoni u r-Riċerka sabiex tħejji opinjoni dwar dan is-suġġett;

Wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea *Spinta ġdida liż-Żgħażaġħ Ewropej*, COM(2001) 681 finali;

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fis-sede tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar il-qafas ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh;

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom;

Wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ;

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fis-sede tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet komuni għall-informazzjoni taż-żgħażaġh;

Wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Mejju 2005 dwar indikaturi ġodda fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fis-sede tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet li twettqu fil-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh, u dwar l-implimentazzjoni ta' l-għan komuni: li tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-sistema tad-demokrazija rappreżentattiva;

Wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-Perjodu ta' Riflessjoni u Pjan D (COM (2005) 494 finali u COM (2006) 212 finali) u l-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea *dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea — Id-dibattitu dwar l-Ewropa, bl-involvement tal-poplu* (COM(2006) 35 finali);

Wara li kkunsidra l-opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Il-Kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' riflessjoni u lil hinn: Il-Pjan D għad-Demokrazija, Djalogu u Dibattitu u l-White Paper dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea*;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-politika Ewropea rigward iż-żgħażaġh *Li tindirizza l-problemi taż-żgħażaġh fl-Ewropa — l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-żgħażaġh u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva*;

Wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Tkomplija għall-White Paper dwar Spinta Ġdida liż-Żgħażaġħ Ewropej: Li timplimenta l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u informazzjoni għalihom bil-għan li tippromwovi li jkunu ċittadini Ewropej attivi* (COM 2006) 417 finali);

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni riċenti tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fis-sede tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom bil-għan li tippromwovi li jkunu ċittadini Ewropej attivi;

Wara li kkunsidra dan l-abbozz ta' opinjoni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-politika Ewropej li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom *Tkomplija għall-White Paper dwar Spinta Ġdida liż-Żgħażaġħ Ewropej: Li timplimenta l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u informazzjoni għalihom bil-għan li tippromwovi li jkunu ċittadini attivi*;

Wara li kkunsidra l-abbozz ta' opinjoni adottat mill-Kummissjoni għall-Kultura, l-Edukazzjoni u r-Riċerka fit-30 ta' Novembru 2006, (CdR 334/2006 rev.1) (*Rapporteur: is-sur Roberto Pella*, Membru tal-Kunsill tal-Provinċja ta' Biella, Viċi-Sindku ta' Valdenigo (IT/EPP));

adotta l-opinjoni segwenti fis-sessjoni plenarja numru 69, li saret fit-23 ta' Marzu 2007:

1. Introduzzjoni

Il-Kumitat tar-Reġjuni

1.1 **jilqa'** l-Komunikazzjoni ġdida mill-Kommissjoni, li tevalwa s-segwitu li ngħata mill-Istati Membri għall-għanijiet komuni dwar il-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom;

1.2 **jikkonsidra** li mindu ġiet ippublikata l-White Paper ta' l-2001, l-Istati Membri għamlu progress u qegħdin jiffokaw aktar fuq iż-żgħażaġh, imma li għad fadal ħafna xi jsir, jew permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (OMC) fil-qasam taż-żgħażaġh, jew permezz ta' azzjonijiet oħra konnessi mal-politiki relatati;

1.3 **jinnota** r-Riżoluzzjoni riċenti tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fis-sede tal-Kunsill, li tidentifika miżuri ġodda intiżi sabiex isaħħu l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom;

1.4 **jaqbel** mal-Kunsill li l-erba' temi prijoritarji proposti fil-White Paper (parteċipazzjoni, informazzjoni, attivitajiet volontarji u għarfien aħjar taż-żgħażaġh) u l-għanijiet komuni rilevanti għadhom topiċi ħafna, u **jemma** li għandhom jiggwidaw il-ħidma ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej f'dan is-settur partikolari, u fil-politiki l-oħra kollha li jikkonċernaw liż-żgħażaġh;

1.5 **jisħaq** fuq il-bżonn li l-kwistjonijiet taż-żgħażaġh jiġu indirizzati mill-Kunsilli kollha fis-setturi kollha, għaliex iż-żgħażaġh għandhom jiġu kkunsidrati fl-oqsma kollha ta' interess għall-UE;

1.6 **jindika** però li l-Kunsill seta' saħaq iktar fuq l-importanza ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali, speċjalment fis-sezzjonijiet li jindikaw il-miżuri intiżi li jmxxu 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet komuni, dan għaliex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jwettqu rwol kruċjali fl-edukazzjoni u fit-tkabbir ta' kuxjenza ċivika fost iż-żgħażaġh;

1.7 **iqis essenzjali**, speċjalment minħabba d-dibattitu kurrenti dwar il-futur ta' l-Ewropa, li tiżdied il-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom fil-komunitajiet fejn jgħixu, sabiex iħossu aktar parti mill-Unjoni, ħalli jiġi żgurur li jkun jistgħu iħaddmu dawk il-jeddijiet li jinsabu fil-karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u sabiex tingħata spinta ġdida lill-intrapriża Ewropea billi tagħmel il-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea realtà, **jenfasizza** li trid tingħata attenzjoni partikolari, f'dan ir-rigward, lill-"parteċipazzjoni" u lill-"informazzjoni" taż-żgħażaġh li jgħixu f'reġjuni insulari;

1.8 però, **ma jissottovalutax** l-isfidi kbar li qegħdin jiffaċċjaw iż-żgħażaġh illum, bħalma huma il-qagħad, id-dewmien sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, in-natura inċerta tax-xogħol, diffikultajiet sabiex isibu alloġġ u bħala konsegwenza d-diffikultajiet sabiex jagħżlu t-triq ta' ħajjithom, in-nuqqas ta' mezzi adegwati sabiex jiksbu l-ħiliet meħtieġa, il-faqar, l-abbandun bikri ta' l-iskola u l-esklużjoni soċjali;

1.9 għalhekk **jemma** li l-għanijiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effettiv jekk l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet jagħmlu kull sforz sabiex joffrullhom prospettivi aħjar fil-ħajja, jiggarrantullhom it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (li jinkludu d-dritt għax-xogħol, id-dritt għaż-żwieġ u li jkollok familja, u d-dritt li jkun hemm bilanċ bejn il-ħajja familjali u dik professjonali);

1.10 **ifakkar**, f'dan ir-rigward, li iż-żgħażaġh jirrappreżentaw fattur ewlieni sabiex jintlaħqu l-miri ta' l-Istrateġija ta' Lisbona l-ġdida, u **jikkunsidra** essenzjali li jingħataw edukazzjoni aħjar, taħriġ, mobilità, dħul fl-impjieg, inklużjoni soċjali u servizzi għall-familji żgħażaġh;

a) edukazzjoni u taħriġ aħjar li jivvalorizzaw kemm jista' jkun l-akbar riżorsi ta' l-Ewropa, iż-żgħażaġh. Din l-edukazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-istudju tat-teknoloġija, sabiex tippromovi r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-Ewropa. Fl-istess ħin trid tingħata wkoll attenzjoni adegwata lill-formazzjoni umanistika u tal-valuri. B'mod partikolari huwa importanti li s-sistema edukattiva tagħti attenzjoni xierqa lit-tagħlim tal-kultura u ta' l-istorja Ewropea;

b) mobilità: iż-żgħażaġh Ewropej għandu jkollhom opportunitajiet reali sabiex jiċċaqalqu fit-territorju kollu ta' l-UE, kemm għax-xogħol kif ukoll għall-istudju, peress li dawn l-opportunitajiet ġodda sabiex niffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol u b'hekk jintegraw fis-soċjetà;

c) dħul fid-dinja tax-xogħol: iż-żgħażaġh huma wieħed mill-gruppi bl-ogħla livelli ta' qgħad. Hemm bżonn li nipromovu miżuri ġodda sabiex niffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol u b'hekk jintegraw fis-soċjetà;

d) inklużjoni soċjali: trid tingħata attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali jew li jbatu mill-esklużjoni soċjali. L-emigranti għandhom jissemmgħu b'mod partikolari f'dan il-kuntest;

e) servizzi għall-familji żgħażaġh: il-familji żgħażaġh għandhom problemi partikolari li jridu wkoll jiġu indirizzati mill-korpi ta' l-UE. B'mod konkret iridu jittieħdu miżuri sabiex jgħinuhom jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u tal-familja u tiġi ffaċilitata b'mod definitiv l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

1.11 **iqis** għalhekk li l-politiki għaż-żgħażaġh mħaddma mill-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jieħdu dimensjoni Ewropea permezz ta' politiki u fondi nazzjonali adegwati, flimkien ma' programmi tal-Komunità speċifiċi li jżidu l-opportunitajiet għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini żgħażaġh fil-ħajja ċivika u politika fuq il-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew;

1.12 **ifakkar** li l-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipji ta' libertà u demokrazija u jemma li għal dik ir-raġuni jridu jittieħdu aktar passi prattiċi mingħajr telf ta' żmien sabiex jiġi żgurur li ċ-ċittadini Ewropej kollha, anke dawk l-aktar żgħar, ikunu jistgħu jipparteċipaw fiha, b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' sussidjarjetà.

2. Dwar il-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh

Parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità

2.1 **jinnota** li l-Kunsill iħares lejn l-għan li “ż-żgħażaġh jipparteċipaw fil-ħajja tal-komunità” prinċiparjament bħala l-promozzjoni ta' l-involviment tagħhom fi strutturi parteċipattivi;

2.2 **ifakkar** li huwa possibbli li tieħu sehem fil-ħajja tal-komunità lokali mingħajr ma tkun f'xi struttura organizzata; **jemma** li dan l-għan għandu jiġi interpretat b'mod wiesa', li jinkoraġġixxi l-inizjattivi li wkoll ifittxu li jinvolvu żgħażaġh li minn jeddhem jiddeċiedu li jieħdu sehem fil-ħajja tal-komunità lokali tagħhom;

2.3 **jaqbel** kompletament li għandha tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh li huma l-aktar żvantaġġjati u **jemma** li dawn iż-żgħażaġh għandhom jiġu identifikati b'mod aktar preċiż f'kull żona lokali; **jilqa'** l-inizjattivi li hađu l-Polonja u l-Litwanja mmirati lejn żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali;

2.4 **iħeġġeġ** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jimplimentaw miżuri baġitarji intiżi sabiex isaħħu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh mill-aktar żoni periferiċi ta' l-UE fil-ħajja ċivika Ewropea. Id-distanza ta' dawn iż-żoni fil-fatt tagħmilha aktar diffiċli għalihom sabiex jintegraw u jipparteċipaw;

2.5 **japprezza** wkoll dawk l-inizjattivi kollha li ttieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex isostnu strutturi parteċipattivi permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji jew billi jipprovdu tagħmir, assistenza teknika, riżorsi umani, bini jew għajjnuna sabiex jinbnew websajts.

Parteċipazzjoni fis-sistema tad-demokrazija rappreżentattiva

2.6 **iqis** li dan l-għan għandu importanza fundamentali jekk iċ-ċittadinanza attiva ser titpoġġa fil-prattika: b'hekk iż-żgħażaġh ikollhom aktar piż fil-korpi lokali, reġjonali u nazzjonali kif ukoll f'ministeri u partiti politiċi, filwaqt li jiġi żgurat li l-guvernatur u t-fajliet ikollhom opportunitajiet indaqs;

2.7 **jisħaqq** fuq l-importanza li l-opportunitajiet li joffru t-teknoloġiji l-ġodda jiġu sfruttati kemm jista' jkun sabiex l-UE toqrob aktar lejn iż-żgħażaġh. Għalhekk huwa essenzjali għall-istituzzjonijiet Ewropej li jinkoraġġixxu d-diversi miżuri innovattivi li f'dan il-kuntest jistgħu jiġu offruti mill-atturi soċjali Ewropej u, b'mod partikolari, mill-awtoritajiet lokali u reġjonali; f'dan il-kuntest, **jikkunsidra** li l-iskambju ta' l-aħjar prattiċi jkun ta' benefiċċju partikolari, u b'mod speċifiku, **jipproponi** li l-Kummissjoni tippromovi l-organizzazzjoni ta' Forum Annwali taż-Żgħażaġħ fejn iż-żgħażaġh u l-istituzzjonijiet pubbliċi jistgħu jaqsmu l-opinjoni jinkoraġġixxu inizjattivi ġodda;

2.8 **jilqa'** l-inizjattivi kollha ta' l-Istati Membri li jżommu djalogu miftuħ maż-żgħażaġh: kunsilli lokali, nazzjonali u reġjonali, parlamenti taż-żgħażaġh, kummissjonijiet speċifiċi taż-żgħażaġh, ombudsmen jew korrispondenti, u laqgħat interministerjali; u **jittama** li dan kollu jkompli jiżviluppa;

2.9 **jirrapporta** li fl-Italja twaqqaf korp konsultattiv għal amministraturi żgħażaġh, fil-qafas ta' l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Kunsilli Lokali Taljani, li wieħed mill-kompiti tiegħu huwa li josserva, jinkoraġġixxi u jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh fil-amministrazzjonijiet lokali;

2.10 **jafda** li l-Istati Membri kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser jintegraw b'mod sistematiku programmi ta' taħriġ għall-parteċipazzjoni demokratika fl-istituzzjonijiet, fis-sistema edukattiva uffiċjali u li jinkoraġġixxu kuntatti interattivi bejn l-edukazzjoni formali u mhux formali;

2.11 **jenfasizza** li kuntatti bejn l-iskejjel u l-awtoritajiet lokali jistgħu jkunu mezz effettiv sabiex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ta' l-istudenti fil-ħajja tal-komunitajiet tagħhom, u **jsejjaħ** lill-amministraturi lokali — speċjalment dawk żgħażaġh — sabiex iservu ta' ambaxxaturi u jorganizzaw dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet ta' interess lokali li jkunu miftuħa wkoll għaż-żgħażaġh li telqu mill-iskola;

2.12 **huwa konvint** li l-mira li l-gvern lokali jinfetħ għaż-żgħażaġh iġġib magħha fehma reali tar-responsabbiltà fir-rigward tat-tmexxija tat-territorju proprju tiegħu u tgħin sabiex tinħoloq kuxjenza ċivika u tinkoraġġixxi l-eżerċizzju informat tad-dritt għall-vot, li s'issa interessa lil fit wisq żagħżagħ;

2.13 **jilqa'** l-inizjattiva Finlandiża li testendi d-dritt tal-vot għall-elezzjonijiet lokali liż-żagħżagħ li għandhom 'il fuq minn 16-il sena, u l-inizjattiva Ġermaniża relatata mal-proġetti taż-żgħażaġh dwar ir-riġenerazzjoni urbana, u **jilqa'** s-sejħa tal-Kunsill sabiex jiġi kkunsidrat dibattitu sabiex titbaxxa l-età għad-dritt tal-vot;

2.14 **jesprimi l-apprezzament tiegħu** għall-każ ta' mara żagħżugħa bħala deputat sindku fil-belt ta' Stokkolma;

2.15 **jikkunsidra** l-Karta Ewropea Riveduta dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-Ħajja Lokali u Reġjonali tal-Kunsill ta' l-Ewropa bħala strument siewi ħafna, u **jittama** li din tasal għand l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni, u li magħha jkun hemm ukoll kooperazzjoni aktar mill-qrib f'dan il-qasam bejn il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali.

Parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea

2.16 **jaqbel** mal-proposti tal-Kummissjoni, ikkonfermati mill-Kunsill, dwar kif għandu jintlaħaq dan il-għan;

2.17 **bi pjaċir jinnota** li l-Kummissjoni Ewropea kkunsidrat il-kummenti preċedenti tal-KtR (!) dwar politika sostnuta ta' dibattitu u konsultazzjoni maż-żgħażaġh u tappoġġja bis-sħiħ l-idea ta' djalogu mtejjeb dwar l-Aġenda Ewropea. Madankollu **jisħaq** li dan għandu jinvolvi b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

2.18 **jilqa'** l-programm il-ġdid “Żgħażaġħ f'azzjoni” u l-programmi oħra ta' edukazzjoni u taħriġ għaż-żgħażaġh, li taw l-opportunità lil ħafna żgħażaġh sabiex jiksibu esperjenza Prattika ta' l-Ewropa, u **jħeġġeġ** għal aċċess usa' u disseminazzjoni mifruxa ta' dawn il-programmi, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh l-aktar żvantaġġjati **jistieden** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiddecentralizzaw aktar il-ġestjoni ta' dan il-programm, sabiex jiżguraw is-sussidjarjetà billi t-tmexxija tiegħu tiġi aktar f'idejn l-awtoritajiet reġjonali, u **jiddispaċiħ** li twaqqaf il-programm Imprendituri Żgħażaġħ, li għin ħafna żgħażaġh sabiex jiftħu negozju u jiksibu esperjenzi importanti;

(!) CdR 253/2005 fin.

2.19 **jipproponi** li l-awtoritajiet Ewropej lokali u reġjonali jipprovdu forum għaż-żgħażaġh mill-komunitajiet tagħhom li jaħdmu fl-istituzzjonijiet u fl-uffiċċji Ewropej jew li jipparteċipaw fi programmi Ewropej, u jiġu involuti bħala ambaxxaturi f'dibattiti dwar l-Ewropa, u b'hekk isaħħu l-metodu ta' parteċipazzjoni doppja filwaqt li jagħtu valur lix-xogħol, u lill-esperjenza edukattiva u vokazzjonali barra mill-pajjiż;

2.20 **isejjaħ** lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja inizjattivi ħalli jinxterdu l-politiki Ewropej dwar iż-żgħażaġh u d-dispożizzjonijiet tal-Patt Ewropew għaż-żgħażaġh fil-livell lokali, permezz tan-netwerks ta' l-awtoritajiet lokali u billi jingħata rwol attiv lill-amministraturi żgħażaġh.

3. Dwar l-informazzjoni għaż-żgħażaġh

Access għall-informazzjoni miż-żgħażaġh

3.1 **ifakkar** li d-dritt għall-informazzjoni huwa l-bażi tax-xogħol għall-informazzjoni taż-żgħażaġh li sar mill-Unjoni Ewropea; bħala kosegwenza, **jikkonsidrah** d-dmir ta' l-Istati Membri u, f'każ ta' bżonn, ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jimplimentaw bħala parti mill-proċess edukattiv politiki li jiżguraw l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt miż-żgħażaġh, billi jiffukaw b'mod speċjali fuq il-promozzjoni taċ-ċarezza u tal-faċilità ta' l-aċċess għall-informazzjoni;

3.2 **jilqa'** bis-sħiħ il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea aċċettat il-kummenti tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-importanza tad-dimensjoni lokali u reġjonali fil-politika taż-żgħażaġh, waqt li rrikonossiet li l-mobilizzazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali hija kruċjali sabiex titrawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-lokalità. **Jisħaq** f'dan ir-rigward fuq l-importanza tad-dimensjoni lokali u reġjonali għaliex huwa f'dan il-livell li jseħħ l-ewwel kuntatt dirett mal-politika u ċ-ċittadinanza attiva ssir realtà;

3.3 **jinnota** b'sodisfazzjoni li l-websajts li jipprovdu informazzjoni liż-żgħażaġh issa jeżistu kważi fl-Istati Membri kollha, imma **jħeġġeġ** li tiġi mfassla strateġija effettiva ta' informazzjoni li tkopri l-oqsma differenti tal-mistoqsijiet u suġġetti li jinteressaw liż-żgħażaġh;

3.4 **jaqbel** mal-Kunsill li l-portall taż-żgħażaġh Ewropew huwa għodda utli ħafna li għandha tiġi żviluppata u mxerrda, u li l-istrumenti li jiġu pprovdu lokalment u dawk fil-livell naz-zjonali jew Ewropew għandhom jiġu kkoordinati aħjar, sabiex l-informazzjoni tiġi ċċirkulata aktar malajr u b'mod aktar faċli;

3.5 **jemmen** li n-netwerks ta' assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh li jaħdmu fl-livell lokali għandhom jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, sabiex jiġi evitat il-periklu li jipparteċipaw biss in-netwerks naz-zjonali maġġuri u **jsejjaħ** għall-iżvilupp ta' kanali għall-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni taż-żgħażaġh li m'humiex f'xi assoċjazzjoni. Għal dan il-għan ikun milqugħ is-sehem dirett tal-muniċipalitajiet li jistgħu jiżviluppaw il-mudelli tagħhom sabiex iż-żgħażaġh jipparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni u kooperazzjoni.

Informazzjoni ta' kwalità

3.6 **huwa informat** mill-Kummissjoni li huma biss ftit l-Istati Membri li jiffukaw fuq it-taħriġ ta' dawk li jaħdmu fl-

ambitu ta' l-informazzjoni għaż-żgħażaġh; **isejjaħ għal** aktar attenzjoni f'dan ir-rigward, bi programmi speċifiċi ta' studju;

3.7 **iqis** li l-Kummissjoni għandha titfa' aktar enfasi fuq ir-rabta bejn l-informazzjoni u l-konsulenza, sabiex iż-żgħażaġh jiġu meġhuna jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa sabiex jiksbu, jagħżlu u jwieżnu l-informazzjoni, u b'hekk isiru utenti informati. L-Istati Membri huma mħeġġa sabiex jużaw il-kanali kollha eżistenti sabiex iwasslu l-informazzjoni liż-żgħażaġh (Internet, mobiles, videos u ċinema).

Parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-informazzjoni

3.8 **bi pjaċir jinnota** l-attenzjoni ġdida li qiegħda tingħata lill-kunsilli lokali taż-żgħażaġh, bl-involvement sistematiku taż-żgħażaġh f'korpi lokali responsabbli għat-teħid tad-deċizzjonijiet u bis-sostenn ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali. **Isejjaħ** lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi l-formulazzjoni ta' kriterji preċiżi dwar l-għan tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh sabiex tappoġġja l-parteċipazzjoni fil-livell lokali u ċ-ċittadinanza attiva;

3.9 **jenfasizza** l-importanza li ż-żgħażaġh jiġu involuti fil-perfezzjonament ta' strateġiji ta' informazzjoni, fil-ħolqien ta' prodotti ta' informazzjoni, fit-tixrid ta' l-informazzjoni u fl-attivitajiet ta' konsulenza;

3.10 **iqis** li l-kontribuzzjonijiet ta' żgħażaġh individwali jew ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh f'dan ir-rigward jirrappreżentaw riżorsa siewja li għandha tintuża' bl-aktar mod effettiv, u jsejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw modi ġodda ta' parteċipazzjoni.

4. Dwar il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni

4.1 **huwa konxju** li s-settur taż-żgħażaġh jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, u għalhekk isejjaħ għal impenn konġunt min-naħa tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

4.2 **iqis** fuq kollox li l-Kummissjoni tista' tenfasizza l-kisbiet u b'mod aktar speċifiku l-aħjar prattiċi ta' l-Istati Membri.

5. Il-konklużjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni

Dwar il-parteċipazzjoni

5.1 **jirrikmanda** li l-Istati Membri jiggarrantixxu opportunitajiet indaqs bejn iċ-ċittadini kollha, irġiel u nisa, u b'mod partikolari fost l-addoloxxenti taż-żewġ sessi u fost il-ġuventur u t-tfaliet;

5.2 **jafda** li r-riżorsi jitqassmu b'mod ġust bejn il-proġetti ta' l-assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh u dawk immirati għal żgħażaġh individwali, filwaqt li ma jiġux injorati l-programmi għall-aktar gruppi żvantaġġati;

5.3 **jittama** wkoll li l-Istati Membri jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh sabiex jieħdu sehem f'korpi lokali, reġjonali u naz-zjonali, f'ministeri u partiti politiki, u li dawn jiġu kkonsultati permezz tal-kunsilli taż-żgħażaġh u strutturi oħra ta' parteċipazzjoni;

5.4 **jipproponi** proġetti min-naħa ta' l-Istati Membri li jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh sabiex jieħdu sehem fil-gvern lokali u reġjonali u fit-tmexxija tal-komunitajiet rispettivi tagħhom, kif ukoll li jkun hemm kuntatti bejn l-awtoritajiet lokali u l-iskejjel sabiex titrawwem kuxjenza ċivika u użu informat tad-dritt tal-vot;

5.5 **isejjaħ** lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex jinkludu liż-żgħażaġh fid-dibattiti dwar il-futur ta' l-Ewropa, sabiex isaħħu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea, billi jagħtu sehem attiv lil dawk li jaħdmu fl-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji Ewropej jew li huma involuti fil-programmi Ewropej.

Dwar l-informazzjoni

5.6 **iqis** essenzjali li l-Istati Membri jiggarantixxu d-dritt għall-informazzjoni permezz ta' strateġiji speċifiċi li jirriflettu l-bżonnijiet taż-żgħażaġh filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-aktar gruppi vulnerabbli, u fl-istess ħin jiġi pprovdut it-taħriġ neċessarju lil dawk kollha li huma involuti fl-edukazzjoni u t-trawwim taż-żgħażaġh;

5.7 **itenni** li l-ħolqien ta' Ewropa taċ-ċittadini u l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetà huma prijorità ewlenija tal-Kumitat, u jixtieq jagħti kontribut billi jikkommetti ruħu li jorganizza djalogi strutturati u sistematiċi, laqgħat mar-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet u l-kunsilli lokali u reġjonali taż-żgħażaġh, filwaqt li jippjana li jwaqqaf grupp ta' ħidma sabiex josserva u jipromovi l-impenji reali ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali u jivverifika l-aħjar prattiċi lokali u reġjonali bl-għajnuna ta' l-assoċjazzjonijiet nazzjonali rilevanti; jimmira li jkun strumentali sabiex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-informazzjoni għalihom;

5.8 **jikkommetti** ruħu li jferrex b'mod usa' l-informazzjoni dwar temi Ewropej sabiex jiġu żviluppati d-dibattiti fil-livell lokali u reġjonali, u dwar avvenimenti Ewropej organizzati għaż-żgħażaġh, sabiex ikabbar il-parteċipazzjoni bl-aktar mod wiesa';

5.9 sabiex jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea, **isejjaħ** lill-Kummissjoni ħalli tipprovi kampanja ta' informazzjoni ad hoc sabiex twassal il-programmi kollha Ewropej taż-żgħażaġh.

Dwar il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni

5.10 **japprezza** l-intenzjoni ddikjarata mill-Kunsill li jadotta u jtejjeb il-linji ta' azzjoni u li jħaddem il-miżuri li ġew indikati fir-Riżoluzzjoni riċenti, u għalhekk **jitlob** li jiġu kkunsidrati l-kummenti u l-proposti magħmula f'din l-opinjoni;

5.11 **ihēgġeg** lill-Istati Membri, sabiex ikomplu jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-politiki proprji tagħhom dwar iż-żgħażaġh, bħala parti mir-rapporti ta' rutina li diġa jeżistu, u b'hekk jagħtu l-kontribut tagħhom fil-kuntest ta' l-OMC u jippermettu li l-aħjar prattika tiġi identifikata b'mod preċiż u ddisseminata;

5.12 **jaqbel** li l-linji ta' azzjoni li l-Istati Membri għandhom l-intenzjoni li jiffukaw fuqhom fil-qasam tal-parteċipazzjoni u l-informazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti sa mhux aktar tard minn Marzu 2007, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati pjanijiet ta' azzjoni rilevanti u b'mod partikolari sabiex l-aħjar prattiċi jitferrxu b'mod usa';

5.13 **jitlob** lill-Kummissjoni li tidentifika l-aħjar mezzi sabiex tiżgura analiżi effettiva tal-progress milhūq mill-Istati Membri permezz ta' metodi effikaċi ta' statistika u ta' riċerka kwalitativa;

5.14 **jipproponi** li jitwaqqaf grupp ta' ħidma responsabbli li jiddefenixxi l-istrumenti li ser jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex isaħħu l-għanijiet komuni u jsejjaħ lir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex ikunu involuti permezz tal-Kumitat;

5.15 **jerġa' jisħaq** li l-għanijiet komuni fir-rigward taż-żgħażaġh jintlaħqu l-aħjar billi ż-żgħażaġh jiġu provduti kondizzjonijiet ta' għajxien aħjar. **Jittama** li l-Kummissjoni toħloq pjan ta' azzjoni taħt il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ li jkun jista' jiġgwida u jappoġġja aħjar l-inizjattivi ta' l-Istati Membri individwali, jipprovi fondi għal dan l-iskop u possibbilment ikun marbut ma' azzjonijiet innovattivi u skambju dwar l-aħjar prattiċi;

5.16 **isejjaħ** lill-Istati Membri sabiex jallokaw biżżejjed fondi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex ikunu jistgħu jimplementaw l-għanijiet komuni;

5.17 **jittama** li fl-aħħar mill-aħħar, il-kwistjoni ta' l-inċertezza fl-impjiegi fost iż-żgħażaġh tiġi indirizzata mill-Istati Membri, sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet taż-żgħażaġh, anke fil-kuntest tad-diskussjoni dwar il-Karta Ħadra (Green Paper) l-għdida tal-Kummissjoni dwar il-liġi tax-xogħol.

Ruma, 23 ta' Marzu 2007

Il-President

tal- Kumitat tar-Regġuni

Michel DELEBARRE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tas-suq uniku u l-evalwazzjoni tas-Soċjetà Ewropea

(2007/C 156/03)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- Jemmen li s-Suq Uniku jeħtieġ impetus ġdid sabiex jilqa' l-isfidi fis-snin li ġejjin. Is-Suq Uniku illum jikkonsisti f'27 Stat Membru, li jagħmluh wisq iktar divers minn meta nħoloq. Barra minn hekk, is-Suq Uniku issa jopera f'ambjent globali. Għalhekk, hemm b'żonn ta' aġġustament tas-Suq Uniku sabiex minn proġett intern fl-UE jsir strument effettiv li jsaħħaħ il-kapaċità ta' l-UE sabiex din tikkompeti b'mod effettiv mal-bqija tad-dinja, tikseb il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali u tilħaq l-għanijiet ippreżentati fl-Aġenda ta' Lisbona. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol prinċipali fil-kisba ta' dan.
- Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni stretta ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex iwettqu studji li jiddeterminaw l-ostakli li r-reġjuni, l-ibliet u l-lokalitajiet qegħdin jiffaċċaw attwalment fl-applikazzjoni tas-Suq Uniku u s-soluzzjonijiet potenzjali għall-ħolqien ta' Suq Uniku adattat għas-Seklu 21.
- Jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li għandha tiffoka l-attività fuq l-implimentazzjoni addizzjonali tas-Suq Uniku fis-setturi tas-servizzi, tax-xogħol u tal-finanzi. Il-moviment liberu tal-merkanzija kien relattivament ta' suċċess filwaqt li s-Suq Uniku kien inqas effettiv fis-setturi tas-servizzi, tax-xogħol u tal-finanzi.

I. Rakkomandazzjonijiet ta' politika

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

Introduzzjoni

1. Jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Kunsill Ewropew li l-ekonomija Ewropea qiegħda tiffaċċja sfidi u opportunitajiet ġodda u importanti fis-seklu 21. Il-Kumitat tar-Reġjuni għalhekk jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tieħu r-responsabbiltà li tagħmel stħarriġ komprensiv tas-suq uniku u tas-soċjetà Ewropea matul l-2007. Il-Kumitat tar-Reġjuni jilqa' wkoll it-talba mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jikkontribwixxi għal dawn ir-reviżjonijiet permezz ta' din "l-Opinjoni ta' Prospettiva";

2. Jemmen li s-Suq Uniku jeħtieġ impetus ġdid sabiex jilqa' l-isfidi fis-snin li ġejjin. Is-Suq Uniku illum jikkonsisti f'27 Stat Membru, li jagħmlu wisq iktar divers minn meta nħoloq. Barra minn hekk, is-Suq Uniku issa jopera f'ambjent globali. B'konformità ma' din l-Opinjoni, għalhekk hemm bżonn ta' aġġustament tas-Suq Uniku sabiex minn proġett intern fl-UE jsir strument effettiv li jsaħħaħ il-kapaċità ta' l-UE sabiex din tikkompeti b'mod effettiv mal-bqija tad-dinja, tikseb il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali u tilħaq l-għanijiet ippreżentati fl-Aġenda ta' Lisbona. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol prinċipali fil-kisba ta' dan;

Suq Uniku għas-Seklu 21

3. Jagħraf li l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital huwa prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u jipprovi l-bażi għas-Suq Uniku. Għandu jiġi mfakkar ukoll li l-proġett ta' l-integrazzjoni Ewropea kien, u għadu, mhux biss dwar is-Suq Uniku iżda mmexxi mill-għan li tinżamm il-paċi permezz tal-konstruzzjoni tas-solidarjetà u l-koeżjoni bejn iċ-ċittadini ta' l-Ewropa.

4. Jenfasizza l-importanza li jinvolvi l-partijiet interessati kollha fis-stat bikri tat-teħid tad-deċiżjonijiet, billi jiżviluppa l-proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika, u billi jagħti attenzjoni partikulari, permezz ta' valutazzjonijiet ta' l-impatt, lill-effetti territorjali, soċjali u ambjentali tal-leġislazzjoni ta' l-UE;

5. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jisfruttaw aħjar il-potenzjal kreattiv u innovattiv ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Ewropa billi jindirizzaw in-nuqqas ta' implementazzjoni. Dan huwa relatat b'mod partikulari mal-bżonn li jitjieb il-ftuħ u jiġu indirizzati l-politiki protezzjonisti fxi Stati Membri li jżommu l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) milli jinvestu fi swieq ġodda fl-UE u fid-dinja;

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni stretta ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex iwettqu studji li jiddeterminaw l-ostakli li r-reġjuni, l-ibliet u l-lokalitajiet qegħdin jiffaċċaw attwalment fl-applikazzjoni tas-Suq Uniku u s-soluzzjonijiet potenzjali għall-ħolqien ta' Suq Uniku adattat għas-Seklu 21;

7. Jinnota li r-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali m'hux ristrett sabiex jadattaw għall-bidla ekonomika u sabiex jappoġġjaw l-intrapriżi fis-Suq Uniku. Bħala organizzaturi u provvedituri ta' servizzi pubbliċi, huma wkoll atturi fis-Suq Uniku;

8. Jagħraf li l-evalwazzjoni soċjali hija relatata mill-qrib mat-tħaddim effettiv tas-Suq Uniku. L-evalwazzjoni tas-soċjetà Ewropea għandha tirrikonoxxi li l-problemi soċjali tradizzjonali (per eżempju, il-faqar u d-diżabbiltà) jistgħu jiżdiēdu bħala riżultat ta' popolazzjoni li qiegħda tixxjeh u l-qgħad persistenti. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni fl-istrutturi familjali u l-globalizzazzjoni jistgħu jwasslu għal problemi soċjali ġodda. L-evalwazzjoni soċjali għandha twassal għal approċċ komuni lejn l-analiżi u l-iskambju ta' l-aħjar prassi fil-livell Ewropew u bejn l-Istati Membri;

Il-globalizzazzjoni u l-isfida esterna

9. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea għandha tqabel, tevalwa u tqis b'mod iżjed sistematiku l-prestazzjoni ekonomika u l-iżvilupp tal-politika għal ekonomiji nazzjonali u reġjonali kontra l-kompetituri tagħna barranin, b'mod partikulari l-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Indja flimkien ma' Stati Membri oħra u r-reġjuni ta' l-UE;

10. Jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li jeħtieġ li għandu jitqies iktar l-ambjent internazzjonali sabiex jinżamm suq komunitarju kompetittiv u attraenti. Suq Uniku iktar integrat jista' jgħin sabiex jintlaqgħu l-isfidi tal-globalizzazzjoni, jiġu sfruttati l-opportunitajiet u b'hekk jitnaqqsu l-perċezzjonijiet negattivi. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Reġjuni jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE jagħmlu wkoll parti minn ekonomija dejjem iktar globalizzata, li fiha l-kummerċ dinji tal-merkanzija qiegħed jirdoppja kull għaxar snin. Fid-dawl tal-kompetizzjoni minn ekonomiji msejsa fuq l-għarfien, l-intrapriża Ewropea ser ikollha ssir b'mod sinifikanti iktar innovattiva, iktar speċjalizzata u kreattiva sabiex tikkompeti;

11. Jirrakkomanda li s-Suq Uniku huwa mifhum bis-sħiħ bħala strument dinamiku għat-ktabbir soċjali u ekonomiku Ewropew. Is-Suq Uniku għandu jkun appoġġjat sabiex jevolvi u jirrispondi b'mod adattat għat-tendenzi li qegħdin jitbiddlu u għall-isfidi ta' l-ekonomija globali sabiex jiżdiēd b'mod effettiv it-ktabbir ekonomiku ta' l-UE billi jinħolqu l-kondizzjonijiet politiki u ekonomiċi neċessarji;

12. Jemmen li huwa neċessarju li jiffassal, fil-livell Ewropew, approċċ komuni lejn it-tfassil ta' sett ta' standards soċjali minimi bbażati fuq viżjoni komuni. Hemm bżonn ta' prinċipji speċifiċi ta' trattament ugwali fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol li għandhom ikunu stabbiliti fejn jinsab l-impjeg u għandhom ikunu bbażati fuq qbil bejn l-imsieħba soċjali. Minħabba l-iżvilupp tas-suq globali, ħafna mill-isfidi li qiegħed jiffaċċja s-Suq Uniku huma esterni fin-natura tagħhom;

It-Tagħlim, il-Ħiliet u l-Possibbiltà ta' l-Impjieġ fl-Ekonomija ta' l-Għarfien

13. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet għandu, permezz ta' l-ugwaljanza fl-opportunitajiet u l-investment fit-tagħlim matul il-ħajja, jiffoka fuq il-garanzija li politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ iwasslu għall-ħiliet meħtieġa min-nies sabiex isibu impjieġ adattat u jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' l-intrapriża;

14. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-ħiliet huwa sfida ċentrali li qegħdin jiffaċċjaw ir-reġjuni Ewropej u flimkien ma' l-innovazzjoni, l-intrapriża, il-kompetizzjoni u l-investment, huwa wieħed mill-fatturi prinċipali tal-produttività. Il-Kumitat tar-Reġjuni jenfasizza l-importanza li titjeb il-kapaċità ta' l-investment fl-iżvilupp tal-ħiliet ta' l-Istati Membri u ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jassiguraw it-tagħlim matul il-ħajja fil-prattika u l-promozzjoni ta' politiki attivi fis-suq tax-xogħol permezz ta' approċċ li jikkonforma ma' l-Aġenda ta' Lisbona;

15. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri u ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali, tipprovdi qafas strateġiku u tidentifika riżorsi sabiex tappoġġja l-iżvilupp fir-rigward ta' strateġiji ta' ħiliet iffokati b'bażi reġjonali u lokali;

16. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri li l-enfasi tas-Suq Uniku fil-futur fuq il-ħiliet u l-impjieġ għandu jiġi żviluppat, fejn adattat, fuq il-bażi tat-twertiq fil-livell lokali u reġjonali. B'iktar awtonomija u responsabbiltà reġjonali, programmi ta' ħiliet, bħal dawk ipprovduti mill-programm tal-Fond Soċjali Ewropew, għandhom jassiguraw il-konformità ma' swieq tax-xogħol reġjonali u lokali sabiex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ir-reġjuni;

17. Jipproponi li minflok jipprovaw jikkompetu ma' dawk l-ekonomiji li għandhom vantaġġ kompetittiv fl-impjieġ bi ftit kwalifiki u ta' valur miżjud baxx, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-ħiliet ta' l-UE bħala ekonomija ta' l-għarfien u jappoġġjaw it-trasferibbiltà tal-ħiliet u l-possibbiltà ta' l-impjieġ taċ-ċittadini tagħha. L-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim matul il-ħajja huma elementi essenzjali ta' kwalunkwe program li jwassal għal Suq Uniku iktar effettiv;

18. Ifakkar f'dan il-kuntest li l-kompetizzjoni globali u l-orjentazzjoni lejn ekonomiji bbażati fuq l-għarfien u s-servizzi joħlqu sfidi ġodda għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-edukazzjoni. Impjieġi b'livelli baxxi ta' kwalifiki u dawk b'pagi baxxi m'għandhomx joħlqu grupp ġdid ta' "fqar li jaħdmu". Għalhekk huwa neċessarju li s-servizzi soċjali jiffukaw b'mod partikulari fuq l-assistenza lill-persuni kkonċernati permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, pagi u kondizzjonijiet ġusti għal kullħadd, u dispożizzjonijiet għal iżjed mobiltà soċjali;

Evalwazzjoni tas-Soċjetà Ewropea

19. Japprova l-fehma tal-Kunsill Ewropew dwar l-importanza tad-dimensjoni soċjali ta' l-UE (¹). Il-Kumitat tar-Reġjuni, għalhekk, jilqa' wkoll it-talba mill-Kunsill li l-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament għandhom jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-impatt soċjali tal-leġislazzjoni Ewropea;

20. Jenfasizza li s-Suq Uniku għandu jkun mifhum bħala komponent importanti tas-soċjetà Ewropea usa'. Għalhekk, l-aspetti soċjali tal-politiki tagħha tas-Suq uniku għandhom ikunu indirizzati aħjar u l-UE għandha tibni fuq l-identitajiet reġjonali u l-approċċi differenti lejn l-iżvilupp soċjo-ekonomiku sabiex tipprova timplimenta prinċipji komuni Ewropej milli timponi politika uniformi jew immexxija biss mil-lat ekonomiku;

21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tkompli tiggarantixxi d-drittijiet soċjali u tal-konsumatur, filwaqt li tilliberalizza s-suq tas-servizzi (per eżempju permezz tad-Direttiva tas-Servizzi fil-ġejjieni);

22. Jikkunsidra bħala neċessarju, kif intwera mid-dibattitu dwar id-Direttiva tas-Servizzi, li titqies in-natura speċifika tal-missjonijiet tas-servizz pubbliku, fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-regoli tas-suq uniku;

23. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra speċifikament l-impatt tal-bidliet demografiki, attwali u futuri, fuq is-suċċess u d-direzzjoni tas-Suq Uniku fil-futur. Trid tingħata attenzjoni partikulari lill-impatt mhux ugwali tal-flussi migratorji, attwali u futuri, tal-popolazzjoni. L-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet hija prinċipju essenzjali ta' l-Ewropa moderna; id-diskriminazzjoni m'hijiex għażla;

24. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta approċċ iktar koerenti u strutturat sabiex id-dimensjoni soċjali tas-Suq Uniku tiġi kkunsidrata aħjar. Il-benesseri u l-intereżsi taċ-ċittadini u l-intrapriża fl-Ewropa għandhom ikunu l-prinċipji mexxejja tal-politika ta' l-UE u huma l-muftieħ għall-garanzija ta' opportunitajiet tas-Suq Uniku. Għalhekk, il-kompetittività tar-reġjuni għandha tinftiehem f'termini tal-potenzjal kemm taċ-ċittadini kif ukoll tal-intrapriżi;

25. Jirrakkomanda li l-UE għandha tħares lill-membri l-iktar vulnerabbli tas-soċjetà Ewropea. Il-globalizzazzjoni tas-swieq dinjija tipprovdi opportunitajiet addizzjonali sabiex jissaħħu l-ekonomiji ta' l-UE. Madankollu, filwaqt li l-KtR jappoġġja l-istimolu tat-tkabbir ekonomiku, li għandu jwassal għall-ħolqien ta' impjieġi u ġid, jista' jkun il-każ li xi oqsma tal-komunità Ewropea ma jistgħux jibbenefikaw minn dan it-tkabbir. Bħala riżultat tal-bidliet demografiki u popolazzjoni li qiegħda tixjeh, il-politiki tradizzjonali ta' l-għajnuna soċjali għandhom jadattaw għal dawn l-isfidi l-ġodda. Konsegwentement, filwaqt li jisfruttaw l-opportunitajiet għat-tkabbir, il-politiki ta' l-UE jridu jassiguraw l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet, u jassistu lill-istrutturi tas-sigurtà soċjali sabiex jilqgħu l-isfidi ta' Suq Uniku Ewropew li qiegħed jevolvi. Dan ser jeħtieġ strutturi ta' għajnuna soċjali, u b'mod partikulari fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex jidentifikaw aħjar lil dawk li l-iktar għandhom b'żonn filwaqt li jiġu pprovduti r-riżorsi u l-inċentivi neċessarji u jiżviluppaw approċċi li jipprovdu protezzjoni soċjali effettiva.

(¹) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ġunju 2006.

Komunikazzjoni Aħjar

26. Jirakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jikkonsultaw u jaħdmu ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jistimolaw dibattitu u jinvolvu liċ-ċittadini tagħhom fl-għanijiet ta' prosperità, solidarjetà u sigurtà, u fl-aġenda tax-xogħol u t-tkabbir ekonomiku. Għandu jkun hemm referenza għar-rwol importanti li l-imsieħba soċjali u d-djalogu soċjali jistgħu jaqdu fil-livelli kollha sabiex jevalwaw it-tħaddim tas-suq, jippromovu politiki sostenibbli dwar l-emigrazzjoni ekonomika, jiġġieldu kontra kondizzjonijiet abbużivi tax-xogħol, u jeliminaw id-diskriminazzjoni kemm minn fuq il-post tax-xogħol kif ukoll, b'mod aktar ġenerali, mis-suq tax-xogħol;

27. Jenfasizza li l-benefiċċji tas-Suq Uniku ma kienux ikkomunikati b'mod effettiv u bl-istess mod lill-imsieħba, liċ-ċittadini u lill-intrapriżi. Rabta mill-ġdid bejn l-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha hija prerekwiżit sabiex is-Suq Uniku ikun suċċess. Il-Kumitat tar-Reġjuni għalhekk jissuġġerixxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma l-livell tal-gvern l-eqreb maċ-ċittadin, għandhom jaqdu rwol prinċipali f'dan il-proċess. Huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni Ewropea għandha, bi sħab mal-Kumitat tar-Reġjuni, tiżviluppa proċess li, immexxi mill-komunikazzjoni u mill-politika, jinvolvi u jilqa' l-istennijiet taċ-ċittadini u tal-komunità ta' l-intrapriża tagħha, u jiġu involuti fl-għanijiet Ewropej tal-prosperità, is-solidarjetà u s-sigurtà, kif ukoll l-aġenda għax-xogħol u t-tkabbir ekonomiku. Dawn huma elementi indispensabbli sabiex l-UE tal-futur ikollha garanzija ta' kunfidenza u appoġġ għaliha;

28. Jirakkomanda li, sabiex jindirizzaw il-ħsibijiet taċ-ċittadini u ta' l-intrapriżi, speċjalment ta' l-SMEs, il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom itejbu l-komunikazzjoni tagħhom dwar il-mod kif għandu jitmexxa l-aġġustament ekonomiku u soċjali li jirriżulta mill-globalizzazzjoni u iżjed kompetizzjoni;

It-Tehid Effettiv tad-Deciżjonijiet

29. Jirakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li għandha tifoka l-attività fuq l-implimentazzjoni addizzjonali tas-Suq Uniku fis-setturi tas-servizzi, tax-xogħol u tal-finanzi. Il-moviment liberu tal-merkanzija kien relattivament ta' suċċess filwaqt li s-Suq Uniku kien inqas effettiv fis-setturi tas-servizzi, tax-xogħol u tal-finanzi;

30. Jappella lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-introduzzjoni ta' l-istrutturi ta' appoġġ għall-intrapriżi li huma koordinati, simplifikati u integrati fil-livell ġeografiku l-iktar adattat. Hemm potenzjal konsiderevoli sabiex dawn l-istrutturi jipprovdu l-informazzjoni għall-opportunitajiet ta' l-akkwist pubbliku u li jikkontribwixxu sabiex jispjegaw il-proċess ta' kif jingħataw il-kuntratti tas-servizz pubbliku.

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ukoll rwol sinifikanti fl-appoġġ ta' l-SMEs bħala klijenti kbar tal-merkanzija u s-servizzi li jipprovdu huma stess;

31. Jirakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea, b'konsultazzjoni mas-settur ta' l-intrapriża, sabiex tippromovi l-kompetittività Ewropea permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistema effettiva tal-brevett Ewropew li tappoġġja lil dawk li għandhom brevett kemm fl-infurzar tad-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettuali kif ukoll fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż filwaqt li tipprovdi inċentivi aħjar għall-innovazzjoni;

32. Jirakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri sabiex ikollhom konsultazzjoni u djalogu ġenwini ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali u mas-settur ta' l-intrapriża sabiex jiġu identifikati oqsma fejn il-piż regolatorju fuq l-intrapriżi, b'mod partikulari fuq l-SMEs, ikun jista' jtnaqqas;

33. Jaqbel li s-simplifikazzjoni u l-applikazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni eżistenti ta' l-UE huma indispensabbli għall-integrizzjoni tas-Suq Uniku, iżda jfakkar ukoll li regolamentazzjoni aħjar ma tfissirx neċesserjament inqas regolamentazzjoni. L-armonizzazzjoni tista' tkun neċessarja sabiex l-*acquis communautaire* ikun rispettata u b'hekk l-UE jkollha qafas regolatorju li huwa ċar u koerenti;

34. Jirakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri sabiex japplikaw, fil-proċess leġislattiv ta' l-UE, analiżi minn qabel iktar komprensiva ta' l-impatt għall-SMEs u sabiex isaħħu r-rwol ta' l-SMEs meta tkun qiegħda titfassal leġislazzjoni ġdida;

35. Isejjaħ għal konsolidazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja 'Cassis de Dijon' (każ 120/78 20 ta' Frar 1979)). Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi neċessarji sabiex tassigura li l-Istati Membri jistgħu jkomplu jkollhom standards differenti tal-manifattura mingħajr ma dawn ikunu pretest għar-rifjut tat-tqegħid fis-suq ta' prodott.

36. Jirakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea li jagħrfu r-rwol proattiv u importanti ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-influenzar ta' l-iżvilupp addizzjonali adattat tas-Suq Uniku u r-realtà soċjali ta' l-Ewropa. L-awtonomija muniċipali u reġjonali għalhekk għandha tkun imsaħħa. Il-Kumitat tar-Reġjuni huwa msieħeb importanti sabiex jintwerew il-benefiċċji tas-Suq Uniku permezz tar-rabtiet tagħna qrib iċ-ċittadini ta' l-Ewropa filwaqt li fl-istess ħin qegħdin f'pożizzjoni ideali li niddefendu l-bidla fejn huwa xieraq li nagħmlu hekk.

II. Rakkomandazzjonijiet għall-emendi

—

Ruma, 23 ta' Marzu 2007

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Michel DELEBARRE